IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2014
COM(2014) 382 final

2014/0202 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 rigward id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' minuri mhux akkumpanjati mal-ebda membru tal-familja, aħwa jew qraba legalment preżenti fi Stat Membru

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta

Din il-proposta hi emenda tal-Artikolu 8, paragrafu 4 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida[1] (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament ta' Dublin III).

Matul in-negozjati dwar ir-Regolament Dublin III, il-koleġiżlaturi qablu li jħallu l-kwistjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea u li ma għandhom l-ebda membru tal-familja, aħwa jew qraba preżenti fit-territorju tal-Membru Istati miftuħa u d-dispożizzjoni relatata - l-Artikolu 8(4) - essenzjalment baqa' l-istess (jiġifieri jirrifletti t-test tal-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003/KE tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (minn issa 'l quddiem: ir-Regolament ta' Dublin)[2] u li jagħmlu Dikjarazzjoni, mehmuża mar-Regolament, bil-kontenut li ġej:

"Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni tikkunsidra, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha ta' inizjattiva, rieżami tal-Artikolu 8(4) tar-Riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti sentenza rigward il-Kawża C-648/11 *MA and Others* vs Secretary of State for the Home Department u sa mhux aktar tard mil-limiti taż-żmien stipulati fl-Artikolu 46 tar-Regolament ta' Dublin. Imbagħad, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi leġiżlattivi tagħhom, b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tifel jew tifla."

Il-Kummissjoni qablet, permezz tal-istess dikjarazzjoni, bl-approċċ issuġġerit:

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u biex tiżgura l-adozzjoni immedjata tal-proposta, taċċetta li tikkunsidra din l-istedina, li hija tqis bħala li hija limitata għal dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi u ma toħloqx preċedent."

Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat is-sentenza tagħha fil-Kawża C-648/11, u ddeċidiet li:

"It-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, fejn minuri mhux akkumpanjat mingħajr l-ebda membru tal-familja tiegħu preżenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun ressaq applikazzjonijiet għall-ażil f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li fih dak il-minuri wara li jkun iddepożitata applikazzjoni għall-ażil hemm għandu jingħata "Stat Membru responsabbli".

- L-objettivi tal-proposta

Din il-proposta tieħu l-ogħla konsiderazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-648/11. L-għan tagħha hu li tindirizza l-ambigwità attwali tad-dispożizzjoni dwar minuri mhux akkumpanjati li ma għandhom l-ebda familja, aħwa jew qraba fit-territorju tal-Istati

[1] ĠU L 180/31 29.6.2013, p. 31
[2] ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1

Membri, billi din tipprovdi ċ-ċertezza legali fir-rigward tar-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'każijiet bħal dawn.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjonijiet speċifiċi u valutazzjonijiet tal-impatt bi tħejjija tal-proposta attwali ma kinux meħtieġa minħabba li din il-proposta mmirata b'mod strett tikkostitwixxi segwitu għal konsultazzjoni komprensiva u valutazzjonijiet tal-impatt li diġà twettqu mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-proposta tagħha COM(2008) 820 final għar-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003/KE. Għaldaqstant, konsultazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' dik il-proposta tapplika għal din il-proposta.

Il-Kummissjoni tqis li l-proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 8(4) għandha titressaq mill-aktar fis possibbli, sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet dwar minuri mhux akkumpanjati fil-"proċedura ta' Dublin". Barra minn hekk, huwa indispensabbli li jkun hemm verżjoni finali ta' dan l-Artikolu qabel ma tipproċedi biex tipprovdi regoli supplementari dwar minuri mhux akkumpanjati fuq il-bażi tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta preżenti tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbiltà biex teżamina l-applikazzjoni għall-ażil ta' minuri mhux akkumpanjat mingħajr familja, aħwa jew qraba fit-territorju tal-UE. Id-dispożizzjoni proposta tkopri żewġ każijiet possibbli ta' minuri mhux akkumpanjati li jinsabu f'tali sitwazzjoni:

Il-paragrafu 4a, ikopri s-sitwazzjoni simili għal dik deskritta fil-Kawża C-648/11, jiġifieri minuri mhux akkumpanjat mingħajr familja, aħwa jew qraba fit-territorju tal-UE u li ppreżenta applikazzjonijiet għall-ażil multipli, inkluż fl-Istat Membru fejn hu jew hi huma bħalissa preżenti. F'dan il-każ, l-Istat Membru responsabbli huwa stabbilit skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri r-responsabbiltà tappartjeni lill-Istat Membru fejn il-minuri ssottometta applikazzjoni u fejn bħalissa jinsab preżenti. L-għan ta' din ir-regola huwa li tiżgura li l-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli ma għandhiex bilfors tiġi mtawla, u li minuri mhux akkumpanjati jkollhom aċċess fil-pront għall-proċeduri li jiddeterminaw l-i*status* ta' protezzjoni internazzjonali. Ir-referenza għall-aħjar interessi tal-minuri hija introdotta sabiex tippermetti għal eċċezzjonijiet minn din ir-regola f'każijiet fejn iċ-ċirkostanzi individwali jistgħu jindikaw li jekk j/tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru fejn huwa jew hija huma preżenti jista' jipperikolaw l-aħjar interessi tal-minuri.

Il-paragrafu 4b jindirizza s-sitwazzjoni meta minuri li jkun applika għal protezzjoni internazzjonali hu preżenti fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jippreżenta applikazzjoni hemmhekk. Il-proposta hija li l-Istat Membru għandu jipprovdi minuri bl-opportunità li jippreżenta applikazzjoni hemm, wara li tkun infurmatu dwar dan id-dritt u l-implikazzjonijiet tiegħu. B'hekk il-minuri għandu żewġ għażliet: jew li japplika għal ħarsien internazzjonali f'dak l-Istat Membru jew ma japplikax. Fejn applikazzjoni tkun iddepożitata għand l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru, iċ-ċirkustanzi tal-paragrafu 4a japplikaw, jiġifieri dak l-Istat Membru jsir responsabbli għall-eżami ta' dik l-applikazzjoni. B'hekk, il-minuri se jibqa' fl-Istat Membru fejn hu/hi preżenti u jkollu/ha l-applikazzjoni tiegħu/tagħha eżaminat hemmhekk, sakemm din tikkorrispondi għall-aħjar interessi tal-minuri. L-alternattiva hija li l-minuri għandu jiġi trasferit lill-Istat Membru fejn il-konsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-

minuri tindika bħala l-aktar wieħed xieraq (li jista' jinkludi, għalkemm din ma tistax tiġi limitata għall-fatt li proċedura biex teżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tkun għadha għaddejja jew magħluqa b'deċiżjoni finali, eċċ.).

Fil-każ ta' minuri li jiddeċiedi li ma jippreżentax applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru fejn hu/hi tkun preżenti mhuwiex/mhijiex indirizzata bil-Kawża C-648/11. Madankollu, din is-sitwazzjoni teħtieġ li tiġi koperta fir-Regolament, sabiex jiġu evitati lakuni fil-kriterji ta' responsabbiltà. Is-soluzzjoni proposta hija li l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-minuri jkun iddepożita l-applikazzjoni l-iktar riċenti tiegħu jew tagħha. Din ir-regola għandha l-għan li tiżgura li jkun hemm ċertezza biex jiġi stabbilit l-Istat Membru responsabbli, bl-introduzzjoni ta' regola li hija ċerta u prevedibbli. Ir-referenza għall-aħjar interessi tal-minuri hi miżjuda sabiex tassigura, bħal fil-paragrafu 4a, li t-trasferimenti kontra l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha huma evitati.

Il-paragrafu 4c għandu l-għan li jiżgura li l-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri hija magħmula b'kooperazzjoni bejn l-Istat Membri li għamlu t-talba qed jitolbu, sabiex jistabbilixxu flimkien l-Istat Membru responsabbli għall-minuri u jevitaw kunflitti ta' interess.

Il-garanziji għall-minuri previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament 604/2013 japplikaw għall-minuri kollha li huma suġġetti għall-proċeduri ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, referenza espliċita għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 8(4) ma tqiesx li hi meħtieġa.

Il-paragrafu 4d ma fihx kriterji biex tiġi stabbilita r-responsabilità, iżda tipprovdi regola li tippermetti lill-Istati Membri biex jinfurmaw lil xulxin ta' responsabbiltà ġdida meħuda. Dan jippermetti lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli mit-twettiq ta' "proċedura ta' Dublin" li jagħlaq il-każ fl-amministrazzjoni interna tagħha. Dan huwa partikolarment rilevanti sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-sistema, fejn il-minuri jimxi lejn Stat Membru ieħor għal ebda raġuni oħra għajr biex itawwal il-waqfa tiegħu jew tagħha fit-territorju tal-UE. Id-dispożizzjoni hija simili għal dik fl-Artikolu 17(1)(2) tar-Regolament 604/2013, fejn l-istess regola ta' informazzjoni hija introdotta fir-rigward tal-klawżola tas-sovranità.

- Ġeometrija varjabbli

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 u tuża l-istess bażi legali bħal dak l-att, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, il-punt (e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

It-Titolu V tat-TFUE mhux applikabbli għar-Renju Unit u l-Irlanda, sakemm dawk iż-żewġ pajjiżi ma jiddeċidux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta mar-Regolament 604/2013, wara l-avviż tagħhom tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll imsemmi hawn fuq. Il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri fir-rigward tar-Regolament 604/2013 ma taffettwax il-possibbiltà tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward tar-Regolament emendat.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin preżenti, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali li hi kkonkludiet mal-KE

fl-2006[3], hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

- Impatt tal-proposta fuq Stati Membri mhux fl-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' bosta Stati Membri li mhumiex fl-UE mal-acquis ta' Schengen, il-Komunità kkonkludiet bosta ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi anki mal-acquis ta' Dublin/Eurodac:

– il-ftehim li jassoċja lill-Islanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001[4];

– il-ftehim li jassoċja lill-Isvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008[5];

– il-protokoll li jassoċja lill-Prinċipalità tal-Liechtenstein, iffirmat fit-28 ta' Frar 2008[6].

Sabiex jiġu maħluqa drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif spjegat hawn fuq, kienet assoċjata mal-acquis ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati[7].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' kull att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin (inkluża għalhekk din il-proposta) iżda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien mogħti bid-deċiżjoni tagħhom jekk humiex se jaċċettaw il-kontenut ta' dak l-att jew le, ladarba jiġi approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li n-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin/Eurodac, tiġi applikata l-klawsola tal-"gilljottina" u l-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm ma jiddeċidiex mod ieħor b'unanimità il-Kumitat Konġunt/Imħallat.

---

3 Il-Ftehim bejn id-Danimarka u l-Komunità dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit Stat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil magħmula fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għal-paragun tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin; ĠU L 66 8.3.2006, p. 38

4 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal asilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40 - Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 04 p. 78)

5 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5)

6 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39)

7 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (konkluż fl-24.06.2009, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001 - Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 04 p. 78).

2014/0202 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 rigward id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' minuri mhux akkumpanjati mal-ebda membru tal-familja, aħwa jew qraba legalment preżenti fi Stat Membru

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jistabbilixxi l-Istat Membru fejn il-minuri mhux akkumpanjat ikun iddepożita l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bħala l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dik l-applikazzjoni.

(2) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-Kawża C-648/11 li, meta minur mingħajr l-ebda membru tal-familja preżenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun ressaq applikazzjonijiet għall-ażil f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li fih dak il-minuri huwa preżenti wara li tkun iddepożita applikazzjoni għall-ażil hemm ikun nominat bħala l-Istat Membru responsabbli.

(3) Is-sitwazzjoni ta' minuri mhux akkumpanjat mingħajr l-ebda membru tal-familja preżenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li ppreżenta applikazzjonijiet għall-ażil fi Stat Membru wieħed jew aktar, u li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jippreżenta applikazzjoni hemm, ma ġiex indirizzat minn din is-sentenza. Sabiex jiġi żgurat metodu koerenti dwar minorenni mhux akkumpanjati f'dan ir-Regolament u biex tiġi evitata l-inċertezza legali, il-kriterju biex jiġi stabbilit l-Istat Membru responsabbli f'din is-sitwazzjoni għandu ugwalment jiġi pprovdut.

[8] ĠU C , , p. .

[9] ĠU C , , p. .

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

(4) Skont is-sentenza, l-Istat Membru responsabbli għandu javża kif xieraq l-Istat Membru li miegħu tkun ġiet iddepożitata l-ewwel applikazzjoni. Peress li l-applikazzjoni għall-ażil huwa meħtieġ li tiġi eżaminata biss minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf bid-deċiżjoni tiegħu lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, l-Istat Membru li jmexxi proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu jew jieħu lura minuri, skont x'ikun il-każ.

(5) [Skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

(6) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu .

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 għandu għaldaqstant jiġi emendat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-Regolament (KE) Nru 604/2013, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"4a. Meta l-minuri mhux akkumpanjat ma għandu l-ebda membru tal-familja, aħwa jew qraba legalment preżenti fi Stat Membru kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru responsabbli jkun dak fejn il-minuri mhux akkumpanjat ikun iddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u fejn jinsab preżenti, sakemm dan ikun fl-aħjar interess tal-minuri.

4b. Fejn applikant kif imsemmi fil-paragrafu 4a huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jippreżenta applikazzjoni hemm, dan l-Istat Membru jinforma lill-minuri mhux akkumpanjat bid-dritt li jagħmel applikazzjoni u jipprovdilu opportunità effettiva biex jippreżenta applikazzjoni f'dak l-Istat Membru.

Meta l-minuri mhux akkumpanjat msemmi fl-ewwel subparagrafu jippreżenta applikazzjoni fl-Istat Membru fejn huwa jew hija huma preżenti, dak l-Istat Membru jkun responsabbli biex jeżamina dik l-applikazzjoni, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

Meta l-minuri mhux akkumpanjat msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jippreżentax applikazzjoni fl-Istat Membru fejn huwa jew hija preżenti, dak l-Istat Membru responsabbli jkun dak fejn il-minuri ppreżenta l-iktar applikazzjoni riċenti tiegħu jew tagħha, sakemm dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minuri.

4c. L-Istat Membru mitlub biex jieħu lura persuna minuri mhux akkumpanjat jikkoopera mal-Istat Membru fejn il-minuri mhux akkumpanjat ikun preżenti sabiex jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri.

4d. L-Istat Membru, li huwa responsabbli skont il-paragrafu 4a, jinforma l-Istati Membri li ġejjin, kif applikabbli:

(a) l-Istat Membru li qabel kien responsabbli;

(b) l-Istat Membru li jmexxi proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli;

(c) l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu li jieħu r-responsbabiltà tal-minuri mhux akkumpanjat;

(d) l-Istat Membru li kien intalab biex jinkariga ruħu biex jieħu lura l-minuri mhux akkumpanjat.

Dik l-informazzjoni tintbagħat permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilita skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*